MONS SION IN JERUSAL

Knisja tal-Franġiskani
Ġewwa Betlehem
Jgħidulha l-Għar Tal-Ħalib
Li fih staħbiet
Is-Sagra Familja
Qabel ma ħarbet lejn l-Eġittu.



Ir-Raba' Sena | JANNAR - MARZU, 1958 | Għadd 1

*"Super Muros Tuos Jerusalem, Constitui Custodes"*

LEHEN

# L-ART IMQADDSA

QARI
LI JOĦROĠ KULL TLIET XHUR
MILL-KUMMISSARJAT TAL-QABAR TA' KRISTU
F'MALTA

Mitbugħ fl-EMPIRE PRESS, 266, Triq San Pawl, Il-Belt.

# LEHEN L-ART IMQADDSA

QARI

MAĦRUĠ MILL-KUMMISSARJAT

TAL-QABAR TA' KRISTU

F'MALTA

**Ir-Raba' Sena** — **JANNAR - MARZU, 1958** — **Għadd 1**


## X'FIH DAN IL-GĦADD


Xbieha u Barka tal-Kustodju Ġdid tal-Qabar ta' Kristu ... ... ... ... 1

Mulej, Ħarisna! Sa nintilfu! (Id-Direzzjoni) ... ... ... ... ... ... ... 2

Ir-Raba' Sena (Elsie) ... ... ... ... ... ... ... ... ... 3

Id-Daħla tal-Kustodju l-Ġdid ... ... ... ... ... ... ... ... 4

Il-Kustodju l-Ġdid tal-Qabar ta' Kristu (P. Valentinu Cardona, O.F.M.) ... 7


## L-Ewwel Taqsima — DAWL


Il-Kotba tat-Testment il-Qadim (P. Serafin M. Zarb, O.P.) ... ... ... ... 8

Il-Ħtin fil-Bibbja (P. Ġaċint Faccio, O.F.M.) ... ... ... ... ... 10

L-Imkejjen Imqaddsa (Dun Ġużepp Cauchi) ... ... ... ... ... ... 13

Jusef In-Nasri (Fra Żarenu, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... ... 16

Il-Ħanut ta' San Ġużepp (Fra Ġużepp) ... ... ... ... ... ... 18


## It-Tieni Taqsima — IMĦABBA


Iż-Żwieġ tal-Madonna (P. P. Saydon) ... ... ... ... ... ... 20

Ir-Ramdan f'Ġerusalem (Jusef Żagħrur) ... ... ... ... ... ... 22

Il-Kotba tal-Baħar Mejjet (Dun Karm Sant) ... ... ... ... ... 25

Agrapha Christi (Fra Nikol, O.F.M.) ... ... ... ... ... ... ... 28

Aħbarijiet ta' l-Art Imqaddsa ... ... ... ... ... ... ... ... 31



Direzzjoni: W. R. P. Nikola Magro, O.F.M., Kummissarju tat-Terra Santa.

Amministrazzjoni: R. P. Valentin Cardona, O.F.M., Viċi Kummissarju.

Kummisserija tat-Terra Santa, Kunvent ta' Ġieżu, Il-Belt.

# XBIEHA U BARKA

## TAL-KUSTODJU ĠDID TAL-QABAR TA' KRISTU



*W. R. P. Kummissarju,*

*Inbierek bil-qalb Lilek u lill-Patrijiet u l-Ajkijiet li qegħdin jgħinuk fix-xogħol tiegħek, u lil dawk kollha li jħobbu u jagħmlu l-ġid lit-Terra Santa fil-Gżira nobbli tagħkom, Malta. Nagħti tifħir barrani lill-Qari sabiħ Tiegħek, imsemmi: "Leħen L-Art Imqaddsa", li bih il-Poplu Malti jagħraf il-ħajja u x-xogħol ta' wlied San Franġisk fl-Art Imqaddsa. Nitlob 'l Alla li jagħtikom il-Barka u jħallaskom bil-Ġenna tax-xogħol li qegħdin tagħmlu u tal-imħabba li għandkom għall-Art Imqaddsa Tiegħu.*

P. ALFREDU POLIDORI, O.F.M.

*Ġerusalem, 24/10/57.* *Kustodju tat-Terra Santa.*

# MULEJ, ĦARISNA! SA NINTILFU!

*Iż-żmien ma fihx truf; imma n-nies draw jgħidu li fl-aqqal tax-xitwa, ikun l-Ewwel tas-Sena. U fl-Ewwel tas-Sena, trid u ma tridx, ikollok taħseb; tħares fuq l-imgħoddi; tqisu maż-żmien t'issa; u tobsor fuq li ġej. Kif kienet id-dinja, fi tfulitna, aħna li għandna fuq il-ħamsin u s-sittin sena? Kif kienet dari, u kif inhi l-lum?*

*Dak iż-żmien kienu jixegħlu l-musbieħ biż-żejt u l-ftila, u jqegħduh fuq l-imnara, biex idawwal id-dar. Id-dawl tiegħu kien ħelu u mieles, li jaqta' kemm xejn id-dellijiet. Il-lum kull fejn tara luċelettrika, dawl aħrax u qawwi, li m'hux itaffi, imma joqtol id-dlam. Dari ninġabru d-dar malli jidlam; il-lum, żgħażagħ, bniet u subjien, jiġġerrew barra weħedhom, jinħbew tnejn tnejn, fid-dlam tar-rkejjen, sal-ħdax, u nofs il-lejl. Dari nieklu ħobż u minestra u nixorbu l-ilma, u kellna saħħa ta' ġganti; il-lum jieklu l-bajd u l-laħam u jixorbu l-birra, imma għad li żgħażagħ, jgħejjew b'kull nitfa xogħol. Dari r-rġiel imorru għax-xogħol bil-mixi, u jgħidu r-Rużarju mat-triq; il-lum kull imkien bil-karozza, ipejjpu u jħarsu dan lejn dik u dik lejn dan. Dari fil-għaxija mmorru l-knisja għall-Vija Sagra; il-lum imorru t-Talkies, jitgħallmu l-ħażen, fl-iskejjel tax-xitan. Ħadd ma jrid ibati. Kull ħadd irid jixxala. Kull ħadd barra minnu n-nifsu bis-sakra tal-għaxqiet.*

*U b'dana kollu, jewilla n-nies tal-lum huma aktar hienja minn ta' dari? Dak li huma jidher mill-ġrajjiet. Dari jneħħi ħajtu wieħed kull ħafna snin; daż-żmien ħafna kull sena. Min jaqbeż minn xi tieqa; min minn fuq xi bejt, min minn fuq l-iswar. Min jixrob is-semm, min jitgħallaq, u min jaqbeż ġewwa bir. Ħafna, bl-ikel u xorb żejjed, imutu għal għarrieda; min id-dar, min fil-karozza, min fit-triq u min ġewwa xi ħanut. U b'dan kollu ħadd ma jistgħaġeb. Kelma f'gazzetta u jgħaddi kollox. Mewt ta' kelb u mewt ta' bniedem, saru qishom bħal xulxin.*

*In-nies tal-lum jaħsbu li mexjin 'il quddiem, imma fis-sewwa mexjin 'l ura. Fejn hi l-hena, għan-nies ta' daż-żmien, bix-xalar kollu u t-tbaħrid kollu tagħhom? Fejn hi dik is-sliema kiebja, li hi x-xewqa ta' kull qalb? Ifittxuha u jitbegħdu minnha! Iridu jixxalaw f'dil-ħajja, għax m'għadhomx jemmnu fil-ħajja l-oħda. Iridu jitmegħxu bil-ħajja ta' ftit żmien, għax ma jemmnux bil-ħajja ta' dejjem. Jibilgħu l-ħmieġ li tarmi quddiemhom id-dinja, biex ma jistennewx il-frott li wegħdhom Alla.*

Usquequo, Domine? *Kemm sa ndumu f'dan il-għama, Mulejna? Kemm sa ddum tħares naħa oħra, u lilna tħallina f'dan id-dlam? Dawwar ftit Wiċċek lejna, biex fid-dawl Tiegħu naraw il-waħx li fih ninsabu. Jew tlaqtna għal bil-għan, biex tinmtela kejlitna, u kif għarraqt l-oħrajn fl-ilma, lilna tgħarraqna fin-nar? Aħna boloh u ħżiena, u ma tistħoqqilniex maħfra. Imma Int, li Int ħanin, għader, aħfer u eħlisna, qabel ma ttina l-aħħar daqqa. Ninsabu f'xifer id-dagħbien, nistennew it-telfien minn siegħa għal siegħa.* Domine! Salva nos! Perimus!

ID-DIREZZJONI.